

**Il-Ġimgħa 27 ta' April 2012 - ĊAK, Birkirkara**
**b'kortesija ta' KRS**

# Of Gods and Men

**Des hommes et des dieux *(titlu oriġinali)***

122 minuta - Drama / Storja - 8 ta' Settembru 2010 (Franza)

*Taħt it-tehdid tat-terroristi fundamentalisti, grupp ta' rħieb Ċisterċensi li kienu joqogħdu f'raħal fqajjar tal-Alġerija jridu jiddeċiedu jekk għandhomx jitilqu jew le.*

**Direttur:** Xavier Beauvois

**Kittieba:** Xavier Beauvois (adaptation) (dialogue), Etienne Comar (scenario)

**Atturi**

| | |
|---|---|
| Lambert Wilson | ... Christian |
| Michael Lonsdale | ... Luc |
| Olivier Rabourdin | ... Christophe |
| Philippe Laudenbach | ... Célestin |
| Jacques Herlin | ... Amédée |
| Loïc Pichon | ... Jean-Pierre |
| Xavier Maly | ... Michel |
| Jean-Marie Frin | ... Paul |
| Abdelhafid Metalsi | ... Nouredine |
| Sabrina Ouazani | ... Rabbia |



**Il-ġrajja**



Tmint irħieb Ċisterċensi Franċiżi ilhom jgħixu żmien fil-monasteru ta' Tinhirine f'nofs il-muntanji tal-Alġerija. Għandhom ħajja ħiemda u ferħana: jitolbu, jaħdmu, jiddedikaw ruħhom għall-kura tan-nies tar-raħal u jagħtuhom il-mediċini, l-ilbies u l-pariri. Ir-rapport mal-popolazzjoni Musulmana fir-raħal huwa tajjeb ħafna. Aktar ma jmur is-sitwazzjoni tinbidel. Fir-reġjun jinfirxu l-vjolenza u t-terrur integralista. Grupp ta' ħaddiema barranin jiġu mmasakrati. Il-popolazzjoni tibża'. Id-dubju jfeġġ fost l-irħieb ukoll. Jaħsbu fuq il-preżenza tagħhom hemmhekk. It-tentazzjoni li jħallu l-Alġerija hija kbira, iżda daqstant kbira huwa l-għarfien tal-vokazzjoni u l-missjoni tagħhom. Ma' dan tiżdied il-fiduċja li l-popolazzjoni tar-raħal għandhom fihom. Il-biżgħat, iżda, jibqgħu. Jibżgħu għal ħajjithom. Ma jridux imutu. Fl-aħħar, minkejja t-theddid kostanti li fih jinsabu, jiddeċiedu li jibqgħu f'posthom. Sitta minnhom, flimkien ma' raħeb ieħor li jkun għadu kemm wasal fil-monasteru, jittieħdu mit-terroristi. Ftit wara jinstabu mejtin. *Il-film jirrakonta ġrajja li seħħet tassew fl-Alġerija fl-1996.*

*Leit-motiv* tal-film huwa t-talb komunitarju. Huwa t-taħdit ma' Alla: tisimgħu u tilqa' l-imħabba tiegħu. Huwa biss jista' jiġġustifika l-għażla ta' mħabba radikali li twassal sal-martirju.

**Kunsiderazzjonijiet**

It-titlu, *Of Gods and Men,* huwa mfisser mill-ewwel biċ-ċitazzjoni mis-Salm 82 (81): "Jien għidt li allat intom, ulied l-Għoli lkoll kemm intom. Imma bħal kull bniedem intom tmutu; bħal kull wieħed mill-kbarat taqgħu." Ilkoll ġejjin minn Alla, iżda aħna wkoll bnedmin b'difetti fil-karattru u waqtiet li fihom nerġgħu naħsbuha.



L-ewwel parti tal-film hija meħuda biex jiġu ppreżentati l-protagonisti, it-tmint irħieb, li huma mdaħħlin sewwa fil-ħajja ta' kuljum ta' ħajjithom. L-ewwel ħaġa li tinnota huwa d-daqq tal-qanpiena u l-ġabra tagħhom fil-kappella għat-talb. Imbagħad narawhom jistudjaw, jaħdmu xogħlijiet ta' ħtieġa għalihom, u jkunu disponibbli għall-popolazzjoni lokali bil-kura medika u l-pariri.



L-armonija tinkiser b'sinjali ta' periklu minħabba t-terroriżmu. Il-Prijol jiċħad il-protezzjoni militari. L-irħieb jiltaqgħu biex jiddiskutu dak li qed jiġri. Niskopru l-importanza u l-valur tal-għaqda fraterna. Dan narawh fit-twissija, magħmula mill-Pirjol, li ttieħdet deċiżjoni mingħajr ma kien hemm konsultazzjoni. Il-fraternità titwieled mit-talb, u tesprimi ruħha fir-rispett lejn kulħadd, anki ta' min jaħsibha mod ieħor.

Ix-*choc*, meta t-terroristi jidħlu fil-monasteru, li l-irħieb iħossu huwa kbir u jkollu ħafna reazzjonijiet. Kull wieħed huwa imsejjaħ jiddeċiedi. Diversi huma l-pożizzjonijiet. Fl-aħħar jiddeċiedu li joqogħdu fuq il-parir ta' Amédée. Jeħtieġ jaħsubha sewwa u jitolbu.

It-tensjoni li tiżdied twassal lill-protagonisti biex jaħsbu fuq ħajjithom u fuq l-għażliet li għamlu:

1. Christian jikteb ittra, it-testment spiritwali tiegħu. Jidhru l-aħħar rigi: "U inti wkoll, ħabib tal-aħħar siegħa, li ma kontx taf dak li kont sa tagħmel. Iva, lilek ukoll, ngħidlek *grazzi* u *addijo*... U jalla niltaqgħu ħallelin hienja, fil-ġenna, jekk jogħġob lil Alla, Missierna. Ammen! *Insh'Allah*".
2. F'laqgħa fid-dar tal-kap tar-raħal, iseħħ dan id-djalogu: "Intom il-protezzjoni tagħna; ir-raħal twieled mal-monasteru," jgħid il-kap. Christian josserva: "Aħna bħall-għasafar fuq il-fergħa," u raħeb ieħor iżid: "Ma nafux jekk għandniex nitilqu jew le." Iżda l-mara tad-dar twieġeb: "L-għasafar aħna; intom il-fergħa. Jekk titilqu, fejn sa nistrieħu?"
3. Christophe jiftaħ qalbu mal-Pirjol: "Li tmut huwa tassew utli?". Christian iwieġeb: "Il-ħajja tiegħek inti diġà tajtha. Tajtha biex timxi wara Kristu meta ddeċidejt li tħalli kollox: ħajtek, il-familja tiegħek, pajjiżek, il-mara u t-tfal li seta' jkollok." Christophe: "Ma nafx jekk dan hux tassew minnu. Jiena nitlob, iżda ma nħossx xejn aktar. U mbagħad, ma nifhimx: issir martri għaliex? Għal Alla, biex tkun eroj, biex turi li inti l-aqwa?" U jwieġeb mill-ġdid il-Pirjol: "Le! Tkun martri għall-imħabba, għall-fedeltà. U l-mewt aħna sal-aħħar nippruvaw nevitawha. Il-missjoni tagħna hawn hija li nkunu aħwa ta' kulħadd. U ftakar: l-imħabba tiżboq kollox, l-imħabba kollox tissaporti." Huwa l-mument tal-kriżi li jingħeleb bit-talb u bl-imħabba lejn Alla u l-aħwa. Fl-aħħar l-għażla ta' kulħadd tkun dik li jibqgħu fil-monasteru.



Ninsabu fil-*climax* tal-fim. It-tensjoni hija fl-aqwa tagħha. Hawn jiġu ppreżentati tliet mumenti partikulari fil-ħajja tal-irħieb:

a) Ir-riflessjoni ta' Fra Luc, fl-istudju tiegħu: "...Ħabib tiegħi, itlob għalija. Jalla l-ħruġ tiegħi minn din id-dinja jsir fis-sliem u fil-ferħ ta' Ġesù." Jersaq qrib ix-xbieha ta' Ġesù (riproduzzjoni tal-*Flaġellazzjoni ta' Kristu,* ta' Caravaggio) u jpoġġi idu u wiċċu fuqha.
b) It-tieni waqt huwa ċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, fejn jispikka l-mument tas-sagrifiċċju u tal-għaqda.
c) Fl-aħħar l-ikla bejn l-aħwa. Hija waħda mix-xeni l-aktar qawwija u kommoventi. *Close-ups* tal-irħieb li jesprimu sentimenti mħallta ta' biża' u kommozzjoni... imma anki ferħ, waqt li nisimgħu noti mis-*Swan Lake* ta' Tchaikovsky: is-sbuħija u d-drammatiċità li taċċetta l-possibbiltà li tmut.

It-tmiem tal-film juri lit-terroristi jidħlu fil-monasteru u jieħdu magħhom sebat irħieb. B'leħen *voice off* nisimgħu kliem il-Pirjol. Jitħaddet fuq l-imħabba. "Indawwar ħarsti lejn il-Missier biex miegħu nikkuntempla l-ulied Musulmani tiegħu li huma lkoll aħwa." U jtemm hekk bil-kelmiet importanti taż-żewġ reliġjonijiet: "Ammen; *Insh'Allah*".

---

***L-appuntament li jmiss!***

Il-Ġimgħa 25 ta' Mejju 2012

***Il-film…***

**THE BLIND SIDE** (2009)




Sala tal-Konferenzi ĊAK
Triq S. Sommier, Birkirkara
@ 7.30pm

**Dħul b'xejn**

għal aktar info: Tel: 21498343
E-mail: info@cakmalta.org

